**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 7351/23**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Vs**

**Carl Ciantar**

**Illum 30 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Carl Ciantar**, ta' erbgħa u tletin (34) sena, bin Carmelo Ciantar u Carmen neè Vassallo, imwieled fil-11 ta' Settembru 1989 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 421789(M), talli fl-20 ta' Settembru 2023 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Magt. Dr. G. Vella LL.D., b'digriet mogħti nhar l-24 ta' Jannar 2023, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest, liema digriet ġie varjat nhar id-19 ta' Ġunju 2023;

2. U aktar talli kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech b'Digriet mogħti nhar il-25 ta' Lulju 2018, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tirrevoka s-somma imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanziji, liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Carl Ciantar u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu fejn bid-Digrieti iktar 'l fuq imsemmija kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Rat li l-imputat għall-ewwel wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1], iżda imbagħad fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2023, huwa irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet minnu

[1] Fol. 6 tal-proċess.

kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A' sa' Dok. "G" a fol. 8 sa' 29 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Sarah Zerafa[3], ta' PC1498 Clint Saliba[4], ta' l-Ispettur Elisia Sciclina[5] u ta' l-Ispettur Hubert Cini[6], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Settembru 2023, u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Sarah Zerafa markati Dok. "SZX1" u Dok. "SZX2" a fol. 33 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Jesmond Micallef[7], ta' Marica Mifsud[8], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, u ta' PS2392 Martina Grech[9] u rat id-dokument esebit minn Jesmond Micallef markat Dok. "JM" a fol. 44 tal-proċess u d-dokument esebit minn PS2392 Martina Grech markat Dok. "MG" a fol. 50 sa' 52 tal-proċess, rat illi Carmelo Ciantar, missier l-imputat għażel li ma jixhidx fil-konfront tiegħu[10];

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u d-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fl-20 ta' Settembru 2023 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin: (1) kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Magt. Dr. G. Vella LL.D., b'digriet mogħti nhar l-24 ta' Jannar 2023, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest, liema digriet ġie varjat nhar id-19 ta' Ġunju 2023; u (2) u aktar talli kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech b'Digriet mogħti nhar il-25 ta' Lulju 2018, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest.

Għalkemm għall-ewwel l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2023 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Minkejja l-ammissjoni da parte ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, il-Qorti tqis li hija ma tistax u ma għandhiex issib ħtija fl-imputat għal xi imputazzjoni partikolari meta tali imputazzjoni bl-iktar mod assolut ma tirriżultax u ma treġix. Il-Qorti qed tagħmel din l-osservazzjoni b'referenza partikolari għat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Kif ingħad iktar 'l fuq, bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fl-20 ta' Settembru 2023 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew fix-xhur ta'

[2] Fol. 59 tal-proċess.
[3] Fol. 30 sa' 32 tal-
[4] Fol. 34 sa' 36 tal-proċess.
[5] Fol. 37 tal-proċess.
[6] Fol. 38 tal-proċess.
[7] Fol. 42 u 43 tal-proċess.
[8] Fol. 45 tal-proċess.
[9] Fol. 48 u 49 tal-proċess.
[10] Fol. 46 u 47 tal-proċess.

qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech b'Digriet mogħti nhar il-**25 ta' Lulju 2018**, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest.

Għalkemm l-Ispettur Hubert Cini kkonferma li huwa kien ressaq lill-imputat il-Qorti u li l-każ tiegħu, fejn ingħata l-ħelsien mill-arrest, jinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Aaron Bugeja, u għalkemm ukoll Marica Mifsud, Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, ikkonfermat li l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech u li l-każ tiegħu huwa pendenti fl-Appell u li għalhekk il-ħeslien mill-arrest għadu in vigore, mill-fedina penali ta' l-imputat jirriżulta li b'referenza għal xi Digrieti għall-ħelsien mill-arrest mogħtija fil-konfront tiegħu, kien ġie ordnat ir-ri-arrest tiegħu.

Dan il-fatt ħoloq fil-Qorti dubju dwar kemm id-Digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech **fil-25 ta' Lulju 2018**, bħala fatt kien għadu in vigore fiż-żmien tat-twettiq tar-reat mertu tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Fir-rigward ta' tali dubju l-Qorti eżaminat u kkunsidrat is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carl Ciantar**, pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Ġunju 2019, indikata fil-fedina penali tiegħu. F'dawk il-proċeduri, kjarament istitwiti u deċiżi fil-konfront ta' l-imputat odjern in kwantu l-Karta ta' l-Identità taqbel perfettament, l-imputat kien ġie mixli, *inter alia*, talli *naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr C. Galea LL.D fid-digriet tagħha tad-29 ta' Ottubru 2017 li bih tat il-ħelsien mill-arrest, Artikolu 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mill-Qorti Kriminali (Malta) Imħallef Dr E. Grima LLD fid-digriet tagħha tat-3 ta' Novembru 2017 li bih tat il-ħelsien mill-arrest, Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta,* ***mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr D Frendo Dimech LLD fid-digriet tagħha tal-25 ta' Lulju 2018 li bih tat il-ħelsien mill-arrest***[11]*, Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr A.M. Trigona LLD fid-digriet tagħha tad-19 ta' Frar 2018 li bih tat il-helsien mill-arrest, Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*. A bażi ta' tali imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni talbet ir-revoka tas-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanziji u l-konsegwenti konfiska a favur il-Gvern ta' Malta u r-revoka tad-Digrieti għall-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat Carl Ciantar u l-arrest mill-ġdid tiegħu.

F'dik is-sentenza, dwar l-imputazzjoni appena msemmija, il-Qorti sabet ħtija fl-imputat u dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni ddeċidiet bil-mod segwenti: *Kwantu għat-talba tal-Prosekuzzjoni minħabba n-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat biex ingħata l-ħelsien mill-arrest, rriżultat sodisfaċentament pruvata fi tliet każijiet fid-29 ta' Ottubru 2017 mill-Maġistrat Charmaine Galea, fit-3 ta' Novembru 2017 mill-Imħallef Edwina Grima u* ***fil-25 ta' Lulju 2018 mill-Maġistrat Donatella Frendo Dimech***[12]*, għaliex f'każ ieħor il-kopja tal-kundizzjonijiet li produċiet il-Prosekuzzjoni dik mogħtija mill-Maġistrat Tonio Micallef Trigona fid-19 ta' Frar 2014, mhix ta' kwalità tajba li tista' tinqara minn din il-Qorti. Illi l-fatt li l-imputat kiser ordnijiet varji mogħtija mill-Qorti, huma fatti serji ħafna u*

---

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

*ma jistax ikun li jibqa' jkun hawn persuni li l-ordnijiet li jingħataw mill-Qorti flok isegwuhom u jimxu b'mod strett magħhom hemm min jistma id-dokumenti tal-Qorti bħal karta li tintuża biex jgeżwru z-zokkor jew l-iskalora. Il-Qorti wara li rat 579(1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija (Sp. Joseph Mercieca) vs Wayne Falzon deciza mill-Imħallef Joseph Galea Debono fil-31 ta' Lulju 2008, "illi la darba saret it-talba mill-prosekuzzjoni għar-ri-arrest tal-appellat ... din il-qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kienetx prekluża milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha tagħmel f' dan il-każ" filwaqt li* ***tirrevoka l-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti***[13] *fid-29 ta' Ottubru 2017 mill-Maġistrat Charmaine Galea, fit-3 ta' Novembru 2017 mill-Imħallef Edwina Grima* ***u fil-25 ta' Lulju 2018 mill-Maġistrat Donatella Frendo Dimech, tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati***[14]*. Il-Qorti qiegħda tordna li d-depożitu u garanziji f'dawn it-tliet każijiet li jammontaw għal total ta' erbatax (14)-il elf ewro (€14,000) jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.*

Huwa evidenti għalhekk li bid-deċiżjoni pronunċjata fil-konfront ta' l-imputat Carl Ciantar fl-**24 ta' Ġunju 2019** - ossia qabel il-perijodu mertu ta' dawn il-proċeduri, hawn il-Qorti tosserva li għalkemm l-imputazzjoni odjerna hi li fl-20 ta' Settembru 2023 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, l-imputat kiser il-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest mogħti lilu bl-imsemmi Digriet tal-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 25 ta' Lulju 2018, il-bail book esebit mill-Ispettur Sarah Zerafa, Dok. "SZX2", jirreferi għall-perijodu li jibda mill-21 ta' Ġunju 2022 - id-Digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 25 ta' Lulju 2018 kien ġie revokat u kien ġie ordnat l-arrest mill-ġdid ta' l-istess Carl Ciantar.

Is-sentenza ta' l-24 ta' Ġunju 2019 kienet ġiet appellata u b'sentenza pronunċjata fit-30 ta' Settembru 2020, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fir-rigward tal-ksur tad-Digrieti għall-ħelsien mill-arrest u l-piena erogata mill-ewwel Qorti tat is-segwenti deċiżjoni: *Stabbilit illi l-appellant ma għandux raġun għar-rigward tal-aggravji marbuta mal-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jifdal biex jiġi trattat l-aggravju marbut mal-piena erogata u l-quantum ta' depożitu kkonfiskat fit-termini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-appellant ġie misjub ħati li kiser tlett digrieti għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest tnejn mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tad-29 ta' Ottubru 2017 (Maġistrat Charmaine Galea) u tal-25 ta' Lulju 2018 (Maġistrat Donatella Frendo Dimech) u ieħor mogħti mill-Qorti Kriminali tat-03 ta' Novembru 2017 fejn l-ammont ta' flus stabbilit bħala garanzija huma ta' elf ewro, elfejn ewro u ħdax-il elf ewro rispettivament. Illi minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-appellant kien diġa' ġie misjub ħati preċedentement li kiser l-kundizzjonijiet imposti fuqu f'dawn it-tlett digrieti u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-11 ta' Ottubru 2018, liema sentenza hija esebita in atti u mmarkata bhala Dokument SZX3. F'din id-deċizjoni għalkemm l-appellant kien weħel il-piena ta' sitt xhur priġunerija, madanakollu dik il-Qorti ma applikatx d-disposizzjonijiet tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, b'dan għalhekk illi dawn id-digrieti ma ġewx revokati, ma ġiex ordnat l-arrest mill-ġdid tal-appellant u l-garanziji hemmhekk infraskritti ma ġewx ikkonfiskati. Dan ifisser allura illi l-appellant, misjub ħati għal darb'oħra permezz ta' din l-istanza ta' ksur ġdid ta' dawn id-digrieti, l-Ewwel Qorti setgħet tgħaddi biex tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u l-konfiska kif mitlub ukoll għaliex bl-emendi introdotti permezz tal-Att VIII tal-2015 din il-konfiska hija tassattiva. Illi dan magħdud jidher evidenti illi ma hemm ebda żball fil-komputazzjoni*

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.
[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

*maghħmula mill-Ewwel Qorti dwar il-quantum tal-depożiti ikkonfiskati, kif allegat u kwindi din ser tiġi ikkonfermata. Finalment għal dak li jirrigwarda l-quantum tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett xhur priġunerija, l-appellant ma jressaq ebda mottiv li jista' jwassal li din il-Qorti tvarja l-istess. Jingħad biss illi mill-parti deċiżorja tas-sentenza impunjata jidher illi huwa ġie mogħti l-piena ta' tlett xhur priġunerija għar-reat maħsub fl-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li ma ġie mogħti ebda piena għar-reat maħsub fl-artikolu 579, ħlief għal fatt illi* ***l-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka tat-tlett digrieti tal-ħelsien mill-arrest hawn fuq riferiti***[15] *u l-konfiska tal-garanziji mogħtija mill-appellant fl-imsemmija digrieti. Kwindi fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi* ***ma għandu jkun hemm ebda lok għal varjazzjoni tal-piena erogata***[16].

Bis-sentenza tat-**30 ta' Settembru 2020** għalhekk, liema sentenza wkoll ingħatat qabel il-perijodu rilevanti għall-proċeduri odjerni, ir-revoka tad-Digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech fil-25 ta' Lulju 2018 ġiet ikkonfermata.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk huwa ferm evidenti li nonostante l-ammissjoni ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti qatt ma tista' issibuħati ta' ksur ta' Digriet għall-ħelsien mill-arrest li fiż-żmien pertinenti għall-proċeduri odjerni u għat-twettiq tar-reat li qed jiġi mixli bih l-imsemmi imputat, kien revokat.

Għaldaqstant il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Trattata din il-kwistjoni jifdal għalhekk li tiġi kkunsidrata l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, ossia li fl-20 ta' Settembru 2023 u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Magt. Dr. G. Vella LL.D., b'digriet mogħti nhar l-24 ta' Jannar 2023, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest, liema digriet ġie varjat nhar id-19 ta' Ġunju 2023.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni tiegħu, l-imputat għandu jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat kien ilu li ngħata l-ħelsien mill-arrest mill-24 ta' Jannar 2023 u n-nuqqas li jiffirma l-*bail book* seħħ b'mod konsistenti b'effett mit-18 ta' Awwissu 2023, u għalhekk kien hemm perijodu ta' żmien apprezzabbli fejn hu qagħad għall-kondizzjonijiet imposti fuqu, inkluż il-kondizzjoni li jiffirma l-*bail book*. Ikkunsidrat ukoll li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju mhux daqstant inoltrat tal-proċeduri.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u tordna li s-somma ta' mitejn u ħamsin Euro (€250)

---

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.
[16] Enfasi ta' din il-Qorti.

mis-somma ta' ħames mitt Euro (€500) imposta bħala depożitu fid-Digriet ta' l-24 ta' Jannar 2023, tiġi konfiskata a favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hawn twissi lill-imputat illi sabiex ikun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bid-Digriet mogħti fl-24 ta' Jannar 2023, wara l-konfiska tas-somma ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) mis-somma ta' ħames mitt Euro (€500) imposta bħala depożitu għall-fini tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, huwa jkollu jerġa jiddepożita l-ammont hekk konfiskat u jerġa' jagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li jagħmel dan l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnifsu soġġett għar-ri-arrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti mhux ser tirrevoka d-Digriet għall-ħelsien mill-arrest pronunċjat fl-24 ta' Jannar 2023, kif varjat fid-19 ta' Ġunju 2023, u b'hekk mhux ser tordna r-riarrest ta' l-imputat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**